REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/172

tal-24 ta' Novembru 2015

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 691/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-ispeċifikazzjoni tal-prodotti tal-enerġija

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 691/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 691/2011 stabbilixxa struttura modulari għall-kontijiet ekonomiċi ambjentali, inkluż modulu għall-kontijiet tal-flussi fiżiċi ta' enerġija li huwa stabbilit fl-Anness VI tiegħu.

(2) It-tfassil ta' lista ta' prodotti tal-enerġija għall-finijiet tar-Regolament (UE) Nru 691/2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej huwa element essenzjali biex jiġi ddeterminat l-ambitu tal-kontijiet tal-flussi fiżiċi ta' enerġija, sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà tad-dejta fost l-Istati Membri u biex tiġi żgurata l-konsistenza interna (li tibbilanċja) tal-kontijiet tal-flussi fiżiċi ta' enerġija.

(3) L-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jistabbilixxi lista ta' prodotti tal-enerġija għall-istatistika dwar l-enerġija. Abbażi ta' din il-lista, hemm bżonn jiġu speċifikati l-prodotti tal-enerġija għall-finijiet tal-kontijiet tal-enerġija. Il-kontijiet tal-enerġija għandhom l-għan li janalizzaw l-interazzjonijiet bejn l-ambjent u l-azzjoni tal-bniedem bl-għan li jiġi evalwat iċ-ċiklu tal-ambjent-ekonomija-ambjent maħluq mill-attività tal-bniedem. Għaldaqstant, il-kontijiet tal-enerġija għandhom jinkludu b'mod partikolari r-residwi li jirriżultaw mill-użu finali tal-prodotti tal-enerġija, kif ukoll il-prodotti naturali mhux maħduma u dawk ipproċessati.

(4) Id-definizzjoni għall-prodotti tal-enerġija mhux koperti fl-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008 għandha tkun ibbażata fuq l-istandards internazzjonali tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali, sabiex tiġi żgurata l-kosteffiċjenza u jiġi evitat il-piż żejjed fuq dawk li jwieġbu.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-finijiet tat-Taqsima 3 tal-Anness VI tar-Regolament (UE) Nru 691/2011, l-Istati Membri għandhom jipproduċu l-kontijiet tal-flussi fiżiċi ta' enerġija li jinkludu l-prodotti tal-enerġija elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 192, 22.7.2011, p. 1.
([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar l-istatistika tal-enerġija (ĠU L 304, 14.11.2008, p. 1).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell, l-24 ta' Novembru 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Tikketta	Korrispondenza għall-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008 (fejn teżisti korrispondenza)	Definizzjoni ta' prodott tal-enerġija (fejn ma teżistix korrispondenza għall-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008)
Sorsi ta' Enerġija Naturali		**Il-flussi ta' enerġija li jittieħdu mill-ambjent naturali bħala parti minn attivitajiet ekonomiċi ta' produzzjoni jew li jintużaw direttament fil-produzzjoni**
N01 Sorsi ta' enerġija naturali fossili mhux rinnovabbli		Il-flussi ta' enerġija li jittieħdu minn riżorsi tal-enerġija fossili (riżorsi taż-żejt, riżorsi ta' gass naturali, riżorsi ta' faħam u pit) li jinsabu fl-ambjent naturali permezz ta' attivitajiet ekonomiċi ta' produzzjoni
N02 Sorsi ta' enerġija naturali nukleari mhux rinnovabbli		Il-flussi ta' enerġija nukleari utilizzabbli li jittieħdu minn riżorsi minerali li jinsabu fl-ambjent naturali permezz ta' attivitajiet ekonomiċi ta' produzzjoni
N03 Sorsi ta' enerġija naturali rinnovabbli mill-idroenerġija		Il-flussi ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli li jittieħdu mill-ambjent naturali permezz ta' attivitajiet ekonomiċi ta' produzzjoni — f'dan il-każ l-enerġija idrokinetika
N04 Sorsi ta' enerġija naturali rinnovabbli minn ġenerazzjoni eolika		Il-flussi ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli li jittieħdu mill-ambjent naturali permezz ta' attivitajiet ekonomiċi ta' produzzjoni — f'dan il-każ l-enerġija kinetika mir-riħ maqbuda permezz ta' attivitajiet ekonomiċi ta' produzzjoni
N05 Sorsi ta' enerġija naturali rinnovabbli minn ġenerazzjoni solari		Il-flussi ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli li jittieħdu mill-ambjent naturali permezz ta' attivitajiet ekonomiċi ta' produzzjoni — f'dan il-każ l-enerġija mir-radjazzjoni solari maqbuda permezz ta' attivitajiet ekonomiċi ta' produzzjoni
N06 Sorsi ta' enerġija naturali rinnovabbli ġġenerati mill-bijomassa		Il-flussi ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli li jittieħdu mill-ambjent naturali permezz ta' attivitajiet ekonomiċi ta' produzzjoni — f'dan il-każ l-enerġija ġġenerata mill-bijomassa
N07 Sorsi oħra ta' enerġija naturali rinnovabbli		Il-flussi ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli li jittieħdu mill-ambjent naturali permezz ta' attivitajiet ekonomiċi ta' produzzjoni — f'dan il-każ oħrajn li mhumiex imsemmija taħt N03, N04, N05 u N06, bħalma huma l-enerġija ġeotermali, l-enerġija mill-mewġ u l-enerġija mill-marea
Prodotti tal-Enerġija		**Il-flussi ta' enerġija prodotti bħala riżultat tal-attivitajiet ekonomiċi ta' produzzjoni (prodotti kif definiti fil-kontijiet nazzjonali tal-ESA)**
P08 Faħam iebes	1.1 — 1. Antraċite 1.1 — 2. Faħam għall-Kokk 1.1 — 3. Faħam Bituminuż Ieħor (Faħam għall-istim)	

Tikketta		Korrispondenza għall-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008 (fejn teżisti korrispondenza)	Definizzjoni ta' prodott tal-enerġija (fejn ma teżistix korrispondenza għall-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008)
P09	Faħam kannella u pit	1.1 — 4. Faħam Subbituminuż 1.1 — 5. Linjite 1.1 — 15. Pit 1.1 — 17. Żejt tax-shale u ramel bituminuż	
P10	Gassijiet derivati (= gassijiet manifatturati minbarra l-bijogass)	1.1 — 11. Gass tal-Impjanti tal-Manifattura tal-Gass 1.1 — 12. Gass tal-Ifran tal-Kokk 1.1 — 13. Gass tal-Kalkari tal-Funderiji 1.1 — 14. Gassijiet oħrajn irkuprati	
P11	Prodotti tal-faħam sekondarji (kokk, qatran tal-faħam, fjuwil bil-privattiva, BKB u prodotti tal-pit)	1.1 — 6. Fjuwil bil-Privattiva 1.1 — 7. Kokk tal-Ifran tal-Kokk 1.1 — 8. Kokk bħala Gass 1.1 — 9. Qatran tal-Faħam 1.1 — 10. BKB (il-Maltunelli tal-Faħam Kannella) 1.1 — 16. Prodotti tal-Pit	
P12	Żejt mhux maħdum, NGL u idrokarburi oħra (minbarra bijokomponenti)	4.1 — 1. Żejt Mhux Maħdum 4.1 — 2. NGL 4.1 — 5. Idrokarburi oħra	
P13	Gass naturali (mingħajr bijokomponenti)	2.1 — Gass Naturali	
P14	Petrol għall-magni (mingħajr bijokomponenti)	4.1 — 10. Gażolina għall-Magni 4.1 — 11. Gażolina għall-Avjazzjoni	
P15	Pitrolju u jet fuels (mingħajr bijokomponenti)	4.1 — 12. Jet Fuel tat-Tip tal-Gażolina 4.1 — 13. Jet Fuel tat-Tip tal-Pitrolju (mingħajr bijokomponenti) 4.1 — 14. Pitrolju Ieħor	
P16	Nafta	4.1 — 9. Nafta	
P17	Diżil tat-trasport (mingħajr bijokomponenti)	4.1 — 15.1. Diżil għat-Triq	
P18	Żejt għall-gass għat-tishin u żejt tal-gass ieħor (mingħajr bijokomponenti)	4.1 — 15.2. Żejt għall-Gass għat-Tishin u Żejt tal-Gass Ieħor	
P19	Żejt tal-fjuwil residwali	4.1 — 16.1. Żejt tal-Fjuwil — b'Kontenut Baxx ta' Kubrit 4.1 — 16.2. Żejt tal-Fjuwil — b'Kontenut Għoli ta' Kubrit	
P20	Gass tar-raffineriji, ethane u LPG	4.1 — 6. Gass tar-Raffineriji (mhux likwifikat) 4.1 — 7. Ethane 4.1 — 8. LPG (Gass taż-Żejt mhux Raffinat Likwifikat)	

Tikketta		Korrispondenza għall-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008 (fejn teżisti korrispondenza)	Definizzjoni ta' prodott tal-enerġija (fejn ma teżistix korrispondenza għall-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008)
P21	Prodotti taż-żejt mhux raffinat oħra, inklużi additivi/ossiġenati u materja prima tar-raffineriji	4.1 — 4. Addittivi/Ossiġenati 4.1 — 3. Materja Prima tar-Raffineriji 4.1 — 17. Spirtu Abjad u SBP 4.1 — 18. Lubrikanti 4.1 — 19. Bitum 4.1 — 21. Kokk taż-Żejt mhux Raffinat 4.1 — 20. Xema' tal-Paraffin 4.1 — 22. Prodotti Oħrajn taż-Żejt	
P22	Fjuwil nukleari	3.2.1 — 1.1. In-Nukleari	
P23	Injam, skart tal-injam u bijomassa solida oħra, faħam tal-kannol	5.1 — 8.1. Faħam tal-Kannol 5.2.7 — 1.1. Injam li jintuża bħala fjuwils, residwi tal-injam u prodotti sekondarji 5.2.7 — 1.2. Likur iswed 5.2.7 — 1.3. Bagasse 5.2.7 — 1.4. Skart tal-annimali 5.2.7 — 1.5. Residwi u materjali veġetali oħra	
P24	Bijofjuwils likwidi	5.1 — 10.1. Bijogażolina 5.1 — 10.2. Bijodiżils 5.1 — 10.3. Pitrolju bijoloġiku għall-ġettijiet 5.1 — 10.4. Bijofjuwils likwidi oħrajn	
P25	Bijogass	5.2.7 — 2.1. Gass mill-miżbliet 5.2.7 — 2.2. Gass mill-effluwent imtajjen taddrenaġġ 5.2.7 — 2.3. Bijogassijiet oħrajn mill-fermentazzjoni anerobika 5.2.7 — 3. Bijogassijiet minn proċessi termali	
P26	Enerġija elettrika	3.1. Elettriku	
P27	Sħana	3.1. Sħana 5.1 — 2. Enerġija Ġeotermali 5.1 — 3. Enerġija Solari	
Residwi ta' Enerġija			**Flussi ta' kontenut ta' enerġija f'nonprodotti skartati, mormija jew emessi bħala riżultat ta' attivitajiet ekonomiċi ta' produzzjoni, konsum u akkumulazzjoni**
R28	Skart rinnovabbli	5.1 — 7.1. Skart Muniċipali Rinnovabbli	
R29	Skart mhux rinnovabbli	5.1 — 6. Skart Industrijali (mhux rinnovabbli) 5.1 — 7.2. Skart Muniċipali Mhux Rinnovabbli	

Tikketta		Korrispondenza għall-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008 (fejn teżisti korrispondenza)	Definizzjoni ta' prodott tal-enerġija (fejn ma teżistix korrispondenza għall-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008)
R30	Telf ta' enerġija ta' kull tip (waqt l-estrazzjoni, id-distribuzzjoni, il-ħżin u t-trasformazzjoni, u sħana dissipattiva mill-użu aħħari)		Flussi ta' enerġija (prinċipalment fil-forma ta' sħana dissipattiva) skartati, mormija jew emessi fl-ambjent bħala riżultat ta' attivitajiet ekonomiċi
R31	Enerġija inkorporata fi prodotti għal użu mhux għall-enerġija		Flussi ta' enerġija inkorporata fi prodotti għal użu mhux għall-enerġija, bħal lubrikanti, bitum